MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 29 ta' Jannar 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Neville Mercieca)**

**vs**

**Khadem M'Bay**
**(Numru ta' identifikazzjoni 005314BB)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Khadem M'Bay** talli fit-28 ta' Jannar 2016, ghall-habta tal-16:15hrs fi triq ix-Xatt, Sliema:

1. Xjentement ghamel uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fiha indikazzjoni li biha jista' jew seta' jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorti tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b'dawk il-marki, sinjali jew emblema.

2. U aktar talli xjentement qieghed fic-cirkulazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew impurta ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq.

3. Iggestixxa attivita` kummercjali minghajr licenzja mahruga mill-awtorita kompetenti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' l-istess imputazzjonijiet.

Illi ai fini ta' piena il-Qorti hadet in kosiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 298 (1) (c) u (f) tal-Kodici Kriminali u Regolament 25 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Khadem M'Bay ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għall-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum. Inoltre l-Qorti qieghdha wkoll tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' mija u ghoxrin ewro (€120).**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tmintax (18)-il xahar mil-lum.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti esebiti bhala Dok NM6, Dok NM7 u Dok NM8 u tordna d-distruzzjoni taghhom taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qrati li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta d-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn meta din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur